*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

**It-Tnejn 22 ta' Novembru 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**31.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji. Huwa qal illi l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli bagħat messaġġ fuq ic-*chat* li għandhom bejn il-Kunsilliera u talbu sabiex jibgħat imejl uffiċjali.

**31.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 30 li saret Nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2021:***

Il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur John Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**31.2.3** **Matters arising:**

**31.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 3 rigward ir-rotta ta' Zonqor u kienu qalulna li qed jikunsidraw li jkollna *circulating mini bus* u saqsa jekk irċivejniex xi ħaġa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja wieġbu illi għadna qed nistennew tweġiba.

**31.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri st aqsa fuq paġna 2 30.2.4 rigward id-dawl tal-Milied jekk hux mixjin.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill qabbad kuntrattur u tajjeb li s-Sur John B Camilleri ikollu kuntatt tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal illi hu ma kienx jaf fiex wasal ix-xogħol.

Is-Sindku qal illi rigward ir-rifuzjoni tal-flus mill-Wasteserv kemm tas-sena l-oħra kif ukoll ta' din is-sena ser ikunu qed jingħataw lill-Kunsill.

Is-Segeratrju Ezekuttiv qal illi tajjeb li jkollna kollox bil-miktub.

**31.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 30.2.15 qal illi f'Ottubru kellu jiskadi l-kuntratt tal-iskart riċiklatt u wasal iz-zmien li noħorġu sejħa oħra għax diġa qegħdin f'nofs Novembru.

Is-Sindku qal illi hemm zewġ kuntatturi li huma Green Pak u Green Mt hu qal illi anke Green Pak kellhom iffaċċaw problemi f'ħafna lokalitajiet għad differenza tagħna li qegħdin mal-Green Mt, hu qal illi ma jfissirx li kollox miexi ħarir pero ftit li xejn ikollna problem mall-Kuntrattur li għandna fil-prezent. Huwa kompla jgħid li għadu kif issuplixxina bil-cameras mal-BIS li ħadmu ħafna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din l-offerta taħdem billi nibgħatu ittra liz-zewġ kuntratturi b'dak kollu li l-Kunsill jixtieq bħala servizzi eċċ u dawn iz-zewġ kumpaniji jibgħatu lura l-offerti li jixtiequ jissottomettu għat-talbiet tagħna.

Is-Sindku qal illi ma nimmaġinawx illi jekk nbiddlu l-Kuntrattur ħa nkunu zgur tajjeb għaliex għandhom in-nuqqasijiet tagħhom ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu nikbtu x'nixtiequ aħna ezempju li l-iskart jitbattal darbtejn fil-ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dik hija xi ħaġa minima li nixtiequ u li l-kuntratt ezistenti hekk qiegħed diġa.

Is-Sindku qal illi mal-iskips mhux qed ikun hemm hafna skart għaliex qed jinġabar u apparti minn hekk bis-saħħa tac-CCTV cameras naqsu l-abbuzi, kompla jgħid illi jekk tmur f'lokalitajiet ohra tara kemm hemm nuqqasijiet u kemm aħna qegħdin tajjeb ħdejn ħaddieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġie infurmat illi hemm problema bit-tbattil tal-iskips li hemm ħdejn Villa Sant'Anna għaliex mid-dehra qed jarma wieħed tal-ħaxix u qed idawwar il-ħabel sabiex in-nies ma jersqux viċin u meta jiġi l-Kuntrattur jbattal l-iskips ma jkunx jista ħabba dan il-persuna.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6:10pm***:

Is-Sindku qal illi ser navzaw lil dan il-persuna biex dan ma jibqax isir u jrid iħalli spazzju għal kollettur biex ibattal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tindif tal-iskips darba fil-ġimgħa hija ftit wisq.

Is-Sindku qal illi in nies ma jridux jifmhu li l-kartun trid tqattaw u allura li jiġri hu li l-iskips jerġgħu jintlew wara siegħa u mhux ser insibu soluzzjoni għaliha u allaħares m'għandniex il-van tal-Wasteserv li jiġi jdur ir-restoranti u jarmi l-kartun tagħhom għaliex kieku s-sitwazzjoni hija ħafna għar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-verita jekk l-iskip tkun mimlija dak li jkun x'ser jaqbad jagħmel?

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk l-iskip titbattal kuljum ibqa ċert li xorta waħda issiba mimlija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan ifisser li n-nies qed jikkoperaw u qed jirriċiklaw.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ifisser li n-nies ma jikkoperawx għaliex jitfaw il-kaxxi mingħajr ma jqattawhom kif suppost, qal ġieli ġie jbattal tal-landa u ma tkunx mimlija imma tal-kartun tkun mimlija ħafna. Zied jgħid u dan meta it-Tlieta u l-Ġimgħa jinġabar il-kartun minn mad-djar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk inzidu darb'oħra tbattil il-Kunsill hux ser tiswieh flus.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ovja li tiswieħ izjed flus. Il-kollettur mhux ser jagħmel xogħol għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa allura għaliex din il-problema kollha biex nitolbu dak li hu tagħna bi dritt.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhijiex problema li nitkellmu mal-kuntrattur l-ieħor u nitolbuh jbattal aktar min darba f'ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal mhux qed nitkellmu fuq liem kuntrattur ser nagħzlu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi la darba fil-kuntratt hemm miktub li trid titbattal darbtejn sa tlett darbiet għaliex mhux qed isir hekk.

Is-Sindku qal illi batna lill Green Mt diġa, pero bil-mentalita' ta certu nies anke jafu li għandna s-servizz tal-bulky b'xejn kuljum u xorta jarmu bl-addoċċ barra. Din hija traskuragni u jkun hemm ukoll min jagħmel apposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-izball huwa li dak li qed iġemma l-iskart biex jirreċikla qed jipprova jmur jinqeda dak m'huwiex bniedem vendikattiv.

Is-Sindku qal illi hu qed jirreferi għal min jarmi barra bl-addoċċ u mhux min imur jiriċikla. Meta bniedem ġenwin mar b'kaxxa tal-kartun u ddepozita għaxar flixken tal-ħġieġ u kif ġie biex jarmi f'tal-karta saba mimlija u tefaha fuq il-kontenitur jien ma jagħtihx tort sa barra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi kemm il-darba il-kuntratturi mhux ser jonoraw it-talba tal-Kunsill li jiġbru l-iskip tal-kartun darbtejn fil-ġimgħa naraw jekk nistgħux nzidu skip oħra maġenb tal-kartun.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tista tagħmel għaxra għax xorta għalxejn fiz-zmien ta qabel kellna skips tal-mixed waste u kien ikun hemm ħafna ġrieden u qabel ma saru l-kameras kienu jarmu anke ġlud tal-fniek u annimali u grazzi għal Green MT li għamlulna l-kameras għalhekk m'għaniex naraw biss il-ħazin pero tajjeb nerġgħu nibgħatulhom biex izidu ġabra oħra fil-ġimgħa u naraw tibqax il-problema.

Kien hemm qbil fit-talba tal-Kunsill inizzlu li irridu ġabra ta darbtejn fil-ġimgħa tal-karti u plastik.

**31.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 30.3.2 rigward l-ispralli ta' Triq San Ġwakkin li saru min Infrastructure Malta fejn dawn għadhom l-istess u ma tranġawx, hu qal illi iltaqa mal-Perit.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tal-Kunsill l-ittra ntbgħatet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm ħames punti.

Kien hemm qbil li nibgħatu reminder.

**31.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa fuq paġna 6 artiklu 30.3.3 saqsa jekk għamilniex xi updates fil-website.

Is-Segretarju ezekuttiv qal illi l-Kunsill kellu website li giet hacked u biex terga titella ma kienet ser tiġi tiswa ħafna flus. Il-Ġimgħa l-oħra rċieva telefonata fuq persuna li intiza fil websites u infurmah li lispiza kienet ser tkun gholja u meta tara li kunsilli lokali lohra li qed jinqdew mill website tal gvern u din hi sufficenti u wara li evalwajna l-istima u li ghandna alternattiva fil laqgha li ghaddiet ideciedejna li l website titnehha u lwebsite tigi redirected ghal dik tal-gvern lokali pero xorta waħda dan il-persuna ser itini stima oħra ta kemm tigi tiswina l-website u nittamaw li jkolna risposta malajr kemm jista jkun pero jekk din l-istima xorta waħda ser tkun għolja mhux ser jipprezenta quddiem il-Kunsill u ser imexxi kif kien iddecieda l-kunsill diga igifiri li neliminaw il website u n uzaw dik tal-gvern lokali.

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi fondi min naħa tal-Gvern.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma hemmx fondi izda hemm domain li ħallas għaliha l-Gvern Lokali li nistgħu nuzaw lilha bla ebda spiza.

**31.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 30.9.2 jekk konniex bgħatna lill Planning Authority u lil Lands rigward il-kiosk f'San Tumas.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi bgħatna l-korrispondenza kollha inkluz il-coordinates ta fejn qiegħed il-kiosk pero għadna ma rċivejna l-ebda korrispondenza għaliex la darba jmorru il-Planning sabiex jgħamlu enforcement ma joqogħdux javzaw il-Kunsill għaliex l-azzjoni tittieħed min naħa tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jista jkun li din il-kiosk hija compliant u kieku mqar jinfurmawna b'dan ikun bizejjed.

**31.2.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 30.2.4 fuq id-dawl ta' Ġnien David Vella kien lest min kollox xahar ilu pero ma kienx hemm id-dawl u għalissa twaħħal reflector temporanju u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kellu jġib xi stimi mingħand in-Nexos.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi Nexos kellhom jibgħatuhom lill-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jiċċekja mal-Customer care jekk bgħatux il-works order.

**31.2.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 30.2.6 rigward il-parkeġġ tal-iskola fejn xeba jkun insultat min ċertu nies u fl-aħħar rnexxielu jitkellem ma xi ħadd il-fuq ħafna u ġie infurmat illi bejn l-aħħar ta' Diċembru 2021 u l-aħħar ta' Jannar 2022 il-parkeġġ ser jinfetaħ għal pubbliku.

**31.2.12** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 30.2.8 u staqsa lill Viċi Sindku għal xi updates rigward il-Xmas Village.

Il-Viċi Sindku qalet illi ibbukjajna l-istalls u għandha tiltaqgħa mal MAFA l-ġimgħa d-dieħla magħhom. Hi qalet li id-dati se jkunu mit-10 sa 12 ta' Diċembru 2021. Il-Ġimgħa 10 u s-Sibt 11 ta' Dicembru mil-5:00pm sa nofsilejl u l-Ħadd 12 ta' Diċembru mil-10:00am sa nofsilejl.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa fejn ser issir ezatt.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser issir min ħdejn tal-hut sal-monument tad-Douzelage u jibqa jdur sa ħdejn ta' Ninu u l-istage ser ikun fejn tarma tal-ħut , qalet illi tajjeb ngħamlu lane waħda parkeġġ in-naħa tar-ristoranti u in-naħa tal-baħar jitneħħew il-karozzi.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb tinfurmana jekk ser ngħamlu in-No Parkings għaliex irridu nġibuha fil-gazzetta tal-Gvern.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema li qed jara hi li jekk ikun hemm il-maltemp ser jitla l-ilma fuq l-art.

Is-Sindku qal tajjeb li nsaqsu l-Green MT għal xi skips tar-riċiklaġġ.

Il-Viċi Sindku s-SInjorina Janice Falzon qalet illi saqsejna lill-Wasteserv ui għandhom jgħinuna.

Is-Sindku qal illi hu kien barra min Malta u ra illi l-Xmas Village's ma jsirux f'Diċembru izda f'Novembru biex b'hekk min ikun irid jixtri xi affarijiet tal-Milied jgħamel dan qabel.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kieku għandna budget biex ikollna Xmas Village għal xaharejn sħaħ bħal ma jsir barra dan jista jsir pero fuq tlett tijiem bilfors fix-xahar ta Diċembru trid tagħmlu aktar u aktar għax f'Novembru ma jkunx għad hawn imkien mzejjen.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet għandha bzonn naqra għajnuna fuq entertainment għaliex sentejn ilu kella zewġ persuni li ħadu ħsieb il-koordinazzjoni tal-entertainment.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri offra l-għajnuna tiegħu.

**31.2.13** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 30.2.9 qal illi l-mixja tal-President li saret il-Ħadd 21 ta' Novembru 2021 kienet ta suċċess u rnexxielna nbieħħu kwazi l-flokijiet kollha u ġbarna s-somma ta' €1110.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 6 artiklu 30.3.5 qal illi parti mill-email tal-ispralli semmejna anke din il-problema.

**31.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**31.3.1** **Damages suffers school uniforms trousers and shoes ( 35/3452/21/I 35/3570/21/I):**

Is-Sindku qal illi kien hemm kuntrattur tagħna li qed jagħmel kulverts u kien hemm xi konkos u kien hemm tifel ma ndunax u daħħal saqajh fil-konkos u ħasarlu l-qalziet u l-islipper u għalhekk għamel rapport l-għassa u xtara qalziet u slipper ġdid u bgħatilna il-kont ta €42.36 u nistgħu nħallsu bħal soltu 70% jew amont sħiħ .

Kien hemm qbil li ngħatu rifuzjoni sħiħa.

**31.3.2** **Parkeġġ tal-iskola Primarja ta' Marsaskala (35/3572/21/I):**

Is-Sindku qal illi din diġa ġiet diskussa f'punt 31.2.11 hu qal illi għad hemm diskussjonijiet xi jsiru fuq ċertu affarijit kif ser jaħdmu ez għal min xorta jibqa ipparkjat fil-parkeġġ anke fil-ħinijiet li mhux suppost pero hu ser jinforma lill-Kunsilliera b'dak kollu li jkun għaddej.

**31.4** **Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

**Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.**

**31.5** **Rapporti:**

**31.5.1** **Budget Annwali għas-sena Finanzjarja 2020:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi f'Diċembru trid issir laqgħa annwali sal-15 ta' Diċembru sabiex nispjegawh lill Pubbliku l-Budget li ser jiġi spjegat illum.

- **Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri ħareġ mil-laqgħa fis-19:00**

**31.5.2** Kien hemm qbil illi l-laqgħa pubblika issir l-Erbgħa 1 ta' Diċembru 2021 u ser issir b'laqgħa online.

**31.5.3** Is-Segretarju Ezekuttiv spjega l-Budget.

**31.5.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jgħamel osservanza fejn jidher li erba kenniesa fil-lokal mhumiex bizzejjed għalhekk hemm xi ċans li nzidu l-allokazzjoni akbar biex intejbu is-servizz tal-knis.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-allokazzjoni ta dak il-kuntratt ser jgħamilha la darba jkun ser jiskadi u jkun hemm bzonn li noħorġu sejħa oħra u fadallu aktar mis-sena id-dieħla.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa jekk aħna min naħa tagħna nistgħux insibu xi zewġ min nies oħra biex jilħqu aktar toroq għalkemm kif għaddejjin bħalissa sejrin ħafna aħjar pero hu jixtieq li nimxu skond l-iskeda u mhux skond l-ilmenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għandu kuntratt hu dak li hu u fih hemm l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt fejn fosthom hemm mnizzel li ma tistgħax tvarja l-kuntratt b'10% fejn b'10% mhux ser timpjega l-ħaddieħor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal jekk tistax tinstab eċċezzjoni għall-kuntratt ezistenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma hemmx ecezzjonijiet kompla jgħid li nistgħu ngħinu bil-ħaddiema tal-community workers scheme li għandna għaliex ma jaħsibx li ser jassenjawlna aktar ħaddiema milli diġa għandna pero issa għandna contracts manager li jixtieq li jassigura li fl-ebda triq ma jkun hemm zewġ ħaddiema f'daqqa u hemm bzonn li l-kuntrattur ikollu persuna li jispjega ir-rottot lill-ħaddiema min qabel u il-contracts manager irid jassikura li dawn ir-rotot isiru anke jekk forsi mhux kuljum izda darba iva u darba le, hu qal illi qabel kellna tlett ħaddiema li kienu jgħamlu tmien siegħat kuljum issa għandna erba li jagħmlu sitt siegħat kuljum.

Is-Sindku qal illi toroq għandna 140 pero ma tistax tara li t-toroq kollha xorta għaliex hemm minnhom huma twal ħadna u mhux faċli li tnaddafhom kollha.

Is-Sindku qal illi apparti it-toroq dejjem jirċievu l-ilment ta' xi ġbir ta' annimal jew affarijit li jkunu lil hinn mir-rotta li jkun fiha, pero hu dejjem sabhom meta staqsa għal għajnuna pero ma nistgħux nibqgħu naħdmu hekk.

**31.5.4** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qabel ma sar il-budget ukoll l-accountant talbet kemm naħsbu li ser ikunu l-varjazzjonijiet fil-bini tal-Kunsill u hu qalila sabiex izzid €80,000 u issa ħarġu mis-surveyor u dawn ammontaw għal €60,000 il-parti kbira tagħhom huma tal-Community Clinic pero l-Kunsill ser ikun qed jitkellem ma tal-Health sabiex niddiskutu magħhom dawn il-varjazzjonijiet sabiex tinqasam bejnitna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rigward il-landscaping ta madwar il-Kunsill u l-Perit għamlitilna pjanta aparti l-passaġġ nizlet xi bankijiet u pavimentar madwar il-Kunsill inkluz quddiem il-klinika u s'issa il-figura ta' dan il-landscaping ser titla sew mal €200,000 li fil-prezent ma tistgħax issir anke li kieku kien hemm il-fondi għaliex wieħed irid joħroġ tender u jaġġudikah u ma hemmx zmien bizejjed fil-prezent pero fir-rigward ta aċċessibilita ser ikun hemm bzonn zgur li jitranġa quddiem il-Kunsill apparti li trid issir rampa dan minħabba li l-KNPD fejn jekk ma japprovahx min naħa tagħhom ma jkunx jistgħa jinħareġ il-permess għad dawl u l-ilma fil-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-embellishment nistgħu napplikaw għalih mill-Gal Xlokk.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2020 u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**31.7** **Korrispondenza:**

**31.7.1 Pagament għal kollezzjoni ta' skart imħallat (35/3498/21/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qara l-ittra mibgħuta mill-Green MT rigward ħlas li Green MT qed jgħid li l-Kunsill għandu jħallas minħabba skart ikkontaminat għal perjodu min Marzu sa Gunju u minn Lulju sa Settembru l-amont hu ta €10,150.00 fejn jinkludi l-landfill fee tal-iskart ikkontaminat kif ukoll spejjez oħra relatati ma skart ikkontaminat li qed jitolbu il-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud staqsiet jekk jistgħax jipprovdi xi tip ta prova fejn juri li dan l-iskart kien kollu tal-Lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li trid tara ukol l-iskart kienx fit-trakk min x'ħin beda.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jista jkun ukoll li dan it-trakk ma jiġborx biss fil-Lokal tagħna, pero rigward l-iskart jien min jien ha noqogħod niċċekja li n-nies qed jirriċiklaw kif support.

Is-Sindku qal illi n-nies anke jekk ma jsibux boroz mill-Kunsill ukoll jeddu li mhux ser jirriċklaw għax ma sabuhomx b'xejn.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jixtieq jagħmel xi ħaġa ċara illi l-borza l-griza għandha tinxtara bħal kollox meta jibdew jingħataw bxejn din hija inċentiva li ta l-Gvern u mhux xi ħaġa ta' bilfors.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi apparti dan qed ikun hawn nies li qed jigu b'arroganza kbira fil-Kunsill u dan dejjem ikkundannat u ma hemmx lok li dawn l-affarijiet isiru u ser jibdew isiru rapport għand il-Pulizija għaliex anke fuq vouchers tal-qtates fil-mument li jkunu spiċċaw kulħadd iridhom bi dritt.

Kien hemm diskussjoni jekk għandux ikollna security mall-Kunsill il-ġdid.

Is-Sindku qal illi biex ikollna security ser tiġina spiza kbira u kompla jgħid illi jekk hemm mod kif itina wieħed il-Gvern ma jsibx oġġezzjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi security trid tħallsu paga minimament €21,000, hi qalet illi almenu nistgħu ngħamlu l-bieb jinfetaħ min ġewwa għalkemm qatt ma tista tkun taf b'liema attitudni jkun dieħel bniedem fl-uffiċju.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rigward l-ħlas li qed jitolbu l-Green MT , il-Kunsill kien talab l-opinjoni tad-Dipartiment u kienu gwidawna sabiex ma nħallsux.

Is-Sindku qal l-ERA għandhom imorru jduru l-boroz bħal ma kienu jagħmlu.

Kien hemm qbil unanimu li nerġgħu nkellmu lid-Dipartiment sabiex jigwidawna kif ukoll lis-Sur Mario Fava tal-LCA.

**31.7.2 Memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ (35/3436/21/I):**

Is-Sur Mario Calleja qal illi fil-meeting li kellhom hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Flazon u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camiller mal-Malta Beekeepers Association fejn kienu qalulna li l-ħaxix selvaġġ ma jinqatax sa Mejju sabiex in-naħal igawdi minnhom, hu qal illi qed jirreferi għal ħaxix tal-għelieqi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal għandna problema bil-hornettes u ġieli attakaw lin-nies u fejn qed ikunu qed jattakaw f'positijiet pubbliċi qed nidħlu għalihom billi nqabbdu kumpanija partikolari sabiex toqtolhom pero f'kazijiet privati ikun il-persuna li tqabbad il-kumpanija u tħallas tal-ispejjez hi.

**31.7.3** **<u>Talba għal għajnuna Marsaskala aquatic (35/3468/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi rċivejna talba għal ħlas mill-Grupp Aquatic.

Is-Sindku qal illi dawn konna wegħdnijhom li ngħinuhom pero qatt ma għaddejna l-pagament.

Is-Segretarju Ezrekuttiv qal illi l-Kunsill qabel fil-prinċipju li ngħatu pagament fuq coaching pero ma jfissirx li ser nħallsu mingħajr ma jkollna invoice.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi huma qalu li bgħau l-invoice pero ma tħallsitx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilelri qal illi fuq il-korrispondenza qed jikwotaw season 2020 u 2021.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għalkemm ma lagħbux daqshekk xorta waħda kellhom coaching.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan qed jgħidu għal kulħadd pero tajjeb li jkollna l-invoices li jkunu ħalsu l-coaches bihom qabel ma nħallsuhom.

Kien hemm qbil illi nitolbu għal riċevuti bħala prova tal-ħlas tagħhom.

**31.7.4** **<u>Karnival Sajf 2022 (35/3464/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mil Għaqda Muzikali Sant'Anna.

Is-Sindku qal illi bgħatulna ukoll sabiex jidħlu fil-xmas village pero jaħseb li la mhux ser isiru l-festi ma jistgħux jidħlu fil-xmas village pero fuq l-Karnival ma nistgħux ngħidu hux ser isir jew le pero jekk issir ma jsibux oġġezzjoni li jieħdu sehem, pero għad irridu naraw x'ser isir il-quddiem.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose qalet illi hi f'isem l-Għaqda Muzikali Sant Anna qalet li hemm bzonn ta għajnuna finanzjarja għal festa aħjar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dejjem provajna ngħinu l-Kunsill.

Is-Sindku qal illi s-Soċjeta Muzikali Sant' Anna għamlu arblu ġdid fejn tawlu dak li kellhom b'xi għaxar piedi aktar għal fuq il-kazin pero dak li għandhom talbuna jekk għandniex bzonnu u jaħseb li għandna bzonn wieħed għal Kunsill il-ġdid fejn dan jiswa €500 u jħoss li huwa prezz raġjonevoli ħafna u b'dan il -mod inkunu qed ngħinuhom ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa kemm jiswa propja.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi jiswa mall-€1,1000 kieku tixtriħ ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa jekk hux injam.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu tal-injam.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li tajjeb insibulu lokazzjoni tajba.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li fih mat-tlettin pied.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li kellna naħsbu għal ċertu affarijiet biex nagħmluh fuq il-bejt tal-Kunsill għalhekk tajjeb li nsibu post isfel fil-ġnien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li meta jeħel ikun tajjeb li nistgħu nnizlu l-bandiera mingħajr bzonn ta lifter u noqgħodu nidħlu f'aktar spejjez.

Is-Sindku qal illi nuzaw cherry picker m'għandux ikollna problemi.

**31.7.5 <u>Neutering scheme (35/3431/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mingħand il-vet li l-Kunsill kien qed jgħati l-vouchers sabiex isir neutering fuq il-qtates ta' barra fejn infurmatna li l-vet siefret u fil-prezent ma jistgħux jagħmlu aktar neutering għall-iskema tagħna, kompla jgħid illi issa sar iz-zmien u ma nistgħux nsibu vet oħra pero ser naraw jekk hux ser jerġgħa jkollna dan is-servizz għal sena oħra.

**31.7.6 <u>Diffikultajiet li qed isibu r-residenti f'Marsaskala (35/3386/21/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-korrispondenza ġejja mingħand persuna li diġa tkellem magħha hu stess pero issa daħħal xi nies oħra li xtaqu jgħaddu l-ħsibijiet tagħhom. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kull issue li niddiskutu fil-Kunsill huma kollha ta importanza anke jekk in-nies iħossu li huma frivoli hekk kif kiteb f'din l-ittra. Fl-ewwel punt hu qed isemmi l-marina fejn nafu li diġa saru diversi protesti u hu li jista jgħid hu li l-Kunsill ħareġ mill-ewwel kontra dik il-proposta li ħarġet min TM u baqa jinsisti li imbilli ngħidu le u noqgħodu bilqeda mhu ħa jsir xejn, il-Kunsill kien ċar li kontra pero sirna nafu li hemm erba bidders u mhux ħa nħallu l-ħadd jgħaddi min fuq rasna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq punt numru 2 fuq il-Jerma u hu qal illi l-pjanti hu ma rahomx pero ċert li mill-ftit li sema` zgur ser jogħġbu l-kulħadd.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ilna niddiskutu l-pjanti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm pjanti ġodda li għadhom ma waslux għandna u hu sema li ġejja 60% li hija lukanda u 40% appartamenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal kien hemm zmien li kienet il-Planning Authority li ħarġet il-linji gwida ta x'għandu jsir, hu qal li qed jgħid dan biex il-pubbliku jkun jaf illi l-Kunsill uza ħafna ħin fuq dawn il-pjanti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal rigward il-fish farms mhuwiex gost u pjaċir tagħna pero bgħatna l-korrispondenza tagħna lill-ERA.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-aħħar korrispondenza lill-ERA irrakomandajnilhom illi jekk dan il-persuna jinqabad li qed iħammeġ u jabbuza għandha tittieħidlu l-liċenzja.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill dejjem ħaseb għal ġid tar-residenti u m'għaniex għalfejn nibzu nieħdu ċerti deċizzjonijiet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq il-punt tal-indafa fil-lokal fejn diġa iddiskutejniha qabel u għalkemm nafu li hemm ħafna xi jsir iħoss li l-Lokal għamel passi kbar fl-indafa anke jekk hemm ħafna xogħol xi jsir.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq il-problema tal-parkeġġ li l-problema tezisti kullimkien pero min naħa tagħna provajna nzidu l-parkeġġi kif stajna u min naħa tiegħu jipprova jgħin ir-residenti li jitolbu għajnuna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jerġgħa jmur fuq il-kaz tal-marina meta kienu qed isiru l-protesti fejn waħda mill-punti li n-nies ma jridux dan il-proġett kien li ser titieħed il-bajja għal għawm fejn il-Prim Ministru qalli mhux ser ineħħu swimmers zones, punt ieħor li ir-residenti bdew jipprotestaw fuqu kien il-land reclemation fejn qal li din mhux ser issir , is-simenta ta quddiem il-knisja li ikkonferma ukoll li mhux ser tintmiss u l-wind breaker ser tkun ta għajnuna għal lokal, kif ukoll in-nar tal-baħar jibqa jsir fi zmien il-festa. Rigward l-irmiġġi nafu li bħalissa hemm irmiġġi illegali u jkun tajjeb li dawn jiġu organizzati u għalhekk tajjeb li wieħed ma jmurx fl-estrem u naqbdu ngħidu li ma irridux nisimgħu x'għandhom xi jgħidu u għandna nkunu min ta quddiem f'isem in-nies li niddeċiedu x'nixtequ li jsir, hu kompla jgħid li dan mhux proġett izda tisbiħ u qal li irringrazzja lil dan il-persuna li bgħat din il-korrispondenza u r-residenti l-oħra li inaqdgħu miegħu li kienu lesti li jitkellmu magħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fuq il-Jerma jidher li hemm diġa direzzjoni mill-Parlament, fuq il-fishfarms hu tkellem kemm il-darba u jistenna li min naħa tal-ERA jieħdu l-passi neċessarji izda fuq l-indafa tal-lokal hu mhuwiex kuntent izda fuq il-punt tal-Marina f'Marsaskala qal illi l-iskalin ma jridux l-Yacht Marina u n-nies jixtiequ li l-Kunsill jieħu pozizzjoni ċara u li l-Kunsill ma għamilx bizejjed anke minħabba l-fatt li hemm erba bidders u l-Kunsill ħadd ma bagħat għalih biex jiddiskutu magħna u dik hija l-problema.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal tajjeb li ningħaqdu kollha flimkien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa min qed jipprova jagħqqad lin-nies u li għandha issir laqgħa pubblika mar-residenti u l-Kunsill kien qabel li mhux ser naċċettaw Yacht Marina fil-Lokal.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi konna qbilna li ssir organizazzjoni tal-irmiġġi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hadd ma qal li m'għandux isir arranġament tal-irmiggi pero mhux il-Marina u ma jaqbilx mas-Sindku s-Sur Mario Calleja li hemm irmiġġi li huma illegali għaliex hemm minnhom li jħallsu l-permessi min sena għal sena pero TM min sena ilu ma ħallithomx iħalsu l-permess u tgħathom l-aċċess li juzaw il-bajja mingħajr permess u TM ħalliethom fuq il-*waiting list* u għalhekk m'għandhomx in-numru tal-baga.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li jidrila li TM kienu qed jgħamlu rondi u jekk ma jsibux li hemm numru ta' reġistrazzjoni nneħħu l-mazri min naħa ta TM.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon saqsiet jekk bħala Kunsill nistgħux ninbuttaw li niltaqgħaw għal konsultazzjoni pubblika mar-residenti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għad ma hemm xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi b'liema mod nħallu TM tiddeċiedi mingħajr konsultazzjoni magħna u l-Kunsill għandu jieħu pozizzjoni soda bħal ma għamlu lokalitajiet oħra meta kien ser ikun hemm zvilupp kbir u dak li għamilna m'huwiex bizejjed u hu jrid li ninbuttaw ma TM biex ikun hemm konsultazzjoni man-nies flimkien ma protesta f'Marsaskala.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi li aħna kontra l-Yacht Marina diġa għednija issa jekk hemm l-offerenti aħna bid-dritt li nkunu nafu x'ħa jsir u jekk ser nissupervjaw mhux ser naslu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jafx għalxiex kellna naslu diġa għal erba bidders u lilna injorawna u mhux nirrejalizzaw li TM qed tiġi taqa u tqum mill-Kunsill.

Is-Sindku qal illi jaqbel li nibgħatu lil TM fejn ngħidulhom li l-Kunsill jixtieq li jiġi kkonsultat biex inkunu nafu x'hemm pjanat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi alinqas hekk ikollna xi tip ta' informazzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mill-ewwel ġurnata hu talab li jinħoloq kumitat.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-laqgħa li kellna l-Kunsill qabel ma mozzjoni li saret u d-deċizzjoni tal-Kunsill kienet ċara kristal kemm mal Ministru kif ukol ma TM, Infrastructure Malta eċċ. Il-pozizzjoni tal-Kunsill kienet li ma jaqbilx mal Yacht marina izda mal-organizazzjoni tal-irmiġġi u jiftakar ukoll li s-Sindku kien qal illi mhux biss namel l-mozzjoni u nifqu hemm izda li jkun hemm 3 Kunsilliera li dawn jgħamlu laqgħat anke jekk kien hemm xi Kunsilliera li ltaqaw personalment mal-Prim Ministru u waslu x-xewqa tal-Kunsill izda jidher li kollox baqa għaddej min naħa tal-Gvern Ċentrali la darba hemm il-bidders u għalhekk il-proċess skatta ma jfissirx li ma jistax jitwaqqaf pero jfisser li ma waqafx u l-Kunsill ma rax l-ispeċifikazzjonijiet li hemm fid-dokument għal liema l-bidders tefaw l-offerta għalih u għalhekk jaħseb li l-aħjar li tlett Kunsillliera imorru dirett għand min ħareġ din l-offerta biex inkunu nafu ezatt x'kienu l-affarijiet li saqsew għalihom u għalxix qed nimmiraw għaliex biex isir breakwater ta dak il-kalibru ma jiġix ġustifikat jekk mhux bi proġett kbir pero l-Kunsill għandu dritt sagrosant li jkun jaf l-informazzjoni tat-tender u dan skond kif hemm fil-liġi.

Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar qal illi għandna nsegwu l-mozzjoni li konna iddeċidejna fuqha.

Il-mozzjoni li kienet għaddiet reġgħat ġiet moqrija.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jidher li dawk il-punti li semmejna ġew ikkunsidrati.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l -Kunsill mar kontra l-proġett massiv propost. Huwa zied jgħid li li ntqal fil-protesti kollu rrefera għalih il-Prim Ministru f`konferenza stampa allura ma naħsibx li hemm għalfejn nibqgħu għaddejjin. Issa l-waqt li niddiskutu mat TM.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal il-messaġġ huwa li ma irridux Yacht Marina u dan il-messaġġ li irridu nwasslu.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jekk is-Sindku qed jgħid li ċertu talbiet ġew milqugħa għax qed jgħid li sema lill-Prim Ministru jgħid dan waqt konferenza stampa aħna bħala Kunsill għandna nesiġu li dawn ikunu mogħtija lilna min TM.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal il-bidder tefaw l-offerta tagħhom fuq is-sejħa kif kienet.

Is-Sindku qal illi ma nafux jekk hux fuq l-ewwel proposta tefaw l-offerta tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi irridu naraw jekk il PQQ baqatx tgħod kif ħarġet fil-bidu jew kif qal il-Prim Ministru f'konferenza stampa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-*artistic impression* bezzat lill kulħadd.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-ebda *artistic impression* ma tkunx bil-qisin lesti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hu jibqa bl-ideja li jmorru erba Kunsilliera jiltaqgħu ma TM u jpoġġu magħna bilqeda fuq mejda u niddiskutu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb ma nħallu l-ħadd barra min irid jiġi jista jigi.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi kulħadd jaf li jekk il-Gvern irid ikompli għaddej bil-proġett ħadd mhu ħa jwaqqfu pero bħala Kunsill inkunu nafu x'inhu jiġri.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk TM jinfurmawna illi l-offerta ħarġet skond il-PQQ li ħarġet fil-bidu hemmhekk għandna nikwotaw il-konferenza stampa li għamel il-Prim Ministru fejn qal affarijiet oħra.

Kien hemm qbil unanimu li niltaqgħu ma TM sabiex issir laqgħa magħhom.

**31.7.7** **Ħsarat f'vettura fi Triq il-Gemmugħa (35/3500/21/I):**

Kien hemm qbil unanimu li ngħatu 70% tal-amont finali.

**31.7.8** **Ħsarat fil-vettura fi Triq il-Gemmugħa (35/3536/21/I):**

Kien hemm qbil unanimu li ngħatu 70% tal-amont finali.

**31.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Petty Cash* ta' Ottubru 2021.

**31.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*invoices* li daħlu tard.

1. Eco pure Ltd- Table water-Inv 898367 -€21.50
2. Ms Kylie Ann Borg Marks – Professional fees evaluation on tenders Inv21/14-€562.50 Inv 21/15 -€550.00
3. Progressive Solutions Ltd- Parks and gardens October 2021 – Inv27 – €4185.07.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**31.9** **Mozzjonijiet:**

**31.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja 081-22/10/21:**

*''Jipproponi sabiex is-Soċjeta Muzikali Sant'Anna Marsaskala għadha kif ordnat arblu għal fuq il-bejt tal-kazin. Dan għandu qies ta' ċirka 14-il metru li kellhom kellu qies ta kwazi 11-il metru. Wara diskussjoni mal-kumitat irrizulta illi l-arblu li kellhom huwa għal bejgħ u qed jitolbu għalih is-somma ta' €500. Dan għadu fi stat tajjeb ħafna u għaldaqstant jipproponi li peress dalwaqt inġorru għal binja amministrattiva l-ġdida, nixtru dan l-arblu u jitpoġġa biswiet il-binja biex tittella l-bandiera tal-lokal.''*

Kien hemm qbil unanimu.

**31.9.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja 082-25/10/21:**

*"Jipproponi sabiex Triq Guzeppi Lanzon tiġi one way, iġifieri id-dħul jiġi minn Triq il-Kappa u mhux minn Triq il-vajrita. L-iskop hwa li iżjed faċli għax-xufier idur fuq ix-xellug milli fuq il-lemon."*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hija importanti ħafna pero din kienet diġa one way pero iddeċidejna li xorta nibgħatu lil TM.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi d-dħul kien min Triq il-Kappara.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jaqbel li terġa ssir hekk.

Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hemm ħaġa oħra li min Triq San Ġwakkin residenta qed tissugerixxi li l-parkeġġ imur in-naħa l-oħra għaliex hemm aktar post li jidħlu parkeġġi għaliex hemm inqas garaxxijiet u tgħamel sens.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke aktar safe għal min hu ħireġ mill-karozza.

Kien hemm qbil.

**31.9.3** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri 083-25/10/21:**

"Jipproponi li Triq is-Skiet minflok no entry issir no entry except for loading and unloading u li ma jkunx hemm karozzi ipparkjati li jimblukaw l-aċċess."

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm sqaq ma jinfidx u hemm xi anzjani li joqgħodu il-ġewwa f'dan l-isqaq u qed isibu problema meta jiġu biex iwasluhom u ma jkunux jistgħu għaliex isibu l-karozzi ipparkjati u ma jkunux jistgħu jidħlu u għalhekk jixtieq li issir no entry.

Is-Sindku qal illi mhux problema biex issir no entry.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li bħalisa hija No Entry pero qed jipproponi li tiġi *No entry except for un/loading.*

**31.10** Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 22 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |